MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Rikors Numru. 30/2011

**Marija Zammit (ID617147M)**

***kontra***

**Kummissarju tal-Pulizija, Jacqueline Leonard u Nazzareno Busuttil**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fl-1 ta` Gunju 2011 li jaqra hekk –

*Illi fil-21 ta` Awissu 2008, filwaqt li r-rikorrenti Marija Zammit kienet qeghda titma` kelba abbandunata fit-triq, hija sfat imsawta gravement minn Jane Busuttil, li, fost griehi ohra li kkawzatilha, kienet ser tifgaha u titfaghha minn gholi. Dwar dan l-incident tal-21 ta` Awissu 2008 sar rapport lill-Pulizija dakinhar stess sabiex jittiehdu proceduri kriminali.*

*Illi l-Ispettur tal-Pulizija tad-Distrett, Carlos Cordina, ghazel li jakkuza lil Jane Busuttil b`kontravvenzjonijiet. Izda Marija Zammit insistiet mal-Pulizija u talbet ukoll lill-Qorti tal-Magistrati illi l-imputazzjoni kellha tinbidel f`wahda aktar serja ta` tentattiv ta` offiza gravi, u fil-fatt Jane Busuttil bdiet ghaddejja kompilazzjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Jane Busuttil" li qed tinstema` quddiem il-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti Istruttorja.*

*Illi jumejn wara, jigifieri fit-23 ta` Awissu 2008, kien hemm incident iehor separat li fih, waqt li l-esponenti regghet kienet fl-istess inhawi akkompanjata minn ohtha, gie fuqhom ir-ragel ta` Giovanna Busuttil, certu Nazzareno Busuttil, fetah il-bieba tal-vettura taghhom u b`idejh ma` wicchom beda jheddidhom "itilqu minn hawn ghax se ngib senter u nisparalkom ; tibghatunix il-habs". Imbaghad gew martu u bintu wkoll u nfexxew jghajjruhom. Dwar dan l-incident tat-23 ta` Awissu 2008 sar ukoll rapport separat lill-Pulizija dakinhar stess sabiex jittiehdu proceduri kriminali.*

*Illi permezz ta` kwerela datata 27 ta` Awissu 2008, mibghuta minn Dr Marion Camilleri LL.D. ghan-nom tar-rikorrenti Marija Zammit, il-Pulizija giet mitluba tiehu proceduri kriminali fuq dawn iz-zewg incidenti, kontra l-persuni responsabbli.*

*Illi l-imsemmija Jacqueline Leonard u Nazzareno Busuttil gew akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fit-23 ta` Awissu 2008 kisru l-paci pubblika u talli heddew u nsultaw lil Marija Zammit.*

*Illi l-kawza giet differita diversi drabi, u fis-seduta tas-6 ta` Ottubru 2009 l-Ufficjal Prosekutur fuq istigazzjoni mid-difiza talab korrezzjoni fl-akkuza fis-sens illi fejn hemm indikat 23 ta` Awissu 2008 jigi kancellat '23' u jigi sostitwit '21'. Il-Qorti laqghet it-talba, minghajr ma sejhet il-kwerelanti biex tara kellhiex tghid xi haga fir-rigward tat-talba. Imbaghad l-imputata Jacqueline Leonard tat ruhha b`notifikata bic-citazzjoni kif korretta u minnufih eccepiet il-preskrizzjoni.*

*Illi b`sentenza moghtija dakinhar stess, jigifieri fis-6 ta` Ottubru 2009, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza u rriteniet illi l-akkuzi gew preskritti u ghalhekk illiberat lill-imputati Jacqueline Leonard u Nazzareno Busuttil.*

*Illi r-rikorrenti Marija Zammit appellat kemm mis-sentenza fil-konfront ta` Jacqueline Leonard kif ukoll mis-sentenza fil-konfront ta` Nazzareno Busuttil quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.*

*Illi l-aggravji tar-rikorrenti kienu jikkonsistu fis-segwenti :*

*Illi l-Ufficjal Prosekutur –*

*a) kellu zewg Police Incident Reports fid-database gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, mnejn seta` jaghmel verifika u printout,*

*b) kellu police file fuq il-kaz,*

*c) kellu prezenti lis-Surgenti li kienu rcevew ir-rapporti,*

*d) kien hemm prezenti ghas-seduta l-kwerelanti Marija Zammit,*

*e) kellu l-ittra ta` Dr Marion Camilleri LL.D., li rriferiet specifikament ghal* <u>*zewg*</u> *incidenti separati,*

*f) seta` jcempel l-Ghassa u jaghmel il-verifiki mehtiega, sew qabel u sew waqt is-seduta, u, fuq kollox,*

*g) kellu f`idejh l-affidavit ta` PS850 Simon Buttigieg : "Illi nhar it-23 ta` Awissu 2008 ghal habta tal-23.30hrs waqt li kont night watch l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq...".*

*Imma minn dawn l-affarijiet kollha m`ghamel xejn, u minflok, minghajr ma kkonsulta lill-kwerelanti, ir-rikorrenti Marija Zammit, u minghajr ma kellem lill-avukat tal-kwerelanti, qabad u talab 'korrezzjoni' fl-imputazzjoni, u b`hekk l-indikazzjoni tad-data* ***korretta*** *giet sostitwita b`indikazzjoni ta` data* ***zbaljata****.*

*Illi l-fatt illi kellu <u>seba` (7)</u> possibiltajiet quddiemu u ma ghazel l-ebda wahda minnhom, jirrifletti nuqqas serju min-naha tieghu – ferm negligenti jekk mhux ukoll intenzjonat. Ghalhekk, kieku ma kienx ghat-traskuragni jew xort` ohra da parti ta` l-ufficjal prosekutur, ma kienx ikun hemm lok li l-imputati Jacqueline Leonard u Nazzareno Busuttil jinhelsu mill-akkuzi.*

*Illi t-tieni aggravju kien jikkonsisti fl-ilment illi l-Qorti, wara li giet indotta fl-izball mill-prosekuzzjoni u mid-difiza, spiccat biex minflok ma ddikjarat il-procediment ezawrit – kif ghandu jsir meta tigi milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, in vista ta` l-ESTINZJONI TA` L-AZZJONI – iddikjarat lill-imputata mhux hatja u lliberathom it-tnejn. Hekk gie ddettat fuq il-prime note tas-seduta, l-esponenti qieghda tghid illi meta Qorti tqis l-azzjoni estinta minhabba preskrizzjoni, ma tilliberax lill-imputat izda tiddikjara l-procediment ezawrit. Dana peress li meta Qorti tiddikjara l-azzjoni preskritta, <u>bl-ebda mod ma tkun qed tippronunzja ruhha fuq il-meritu</u>. Ghalhekk, id-'decide' huwa wkoll zbaljat.*

*Illi l-esponenti talbet fiz-zewg kawzi illi s-sentenza tigi annullata u li l-Qorti tiddikjara l-azzjoni mhux estinta bil-preskrizzjoni u tordna li l-atti jigu rinvijati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex il-proceduri jitkomplew skond il-ligi.*

*Illi, b`danakollu, b`sentenza moghtija fil-21 ta` Jannar 2011, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat illi d-dritt ta` appell huwa moghti mill-Kodici Kriminali unikament b`dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk iddikjarat ir-rikors tal-appell irritu u null u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.*

*Illi fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet :*

*"F`dan il-kaz il-kontravenzjonijiet ipotizzati kienu ksur tal-paci pubblika kif ukoll theddid u insolenzi, liema kontravenzjonijiet huma ta` kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali izda mhumiex kontravenzjonjiet li l-azzjoni fir-rigward taghhom jinhtieg il-kwerela tal-parti leza. Dawn il-kontravenzjonijiet huma prosegwibbli 'ex officio' mill-Pulizija peress illi jilledu d-drittijiet kontra l-ordni pubbliku u m`hemmx ghalfejn kwerela ghat-tmexxija tal-azzjoni. F`dan il-kaz inoltre l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija esekuttiva u mhux mill-kwerelant jew il-parti leza, tant li s-sentenza inghatat fil-konfront tal-Pulizija u tal-imputata Jacqueline Leonard (ara Pulizija vs. Joseph Bugeja Appell 439/07, 25 ta` Jannar 2008). Il-parti leza semplicement ikkostitwiet ruhha bhala parti civili fil-kawza fit-termini tas-sub-artikolu 3 tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali. Dana ma jaghtix dritt ta` appell lanqas bl-emendi godda illi gew introdotti fit-2002."*

*Illi minhabba f`hekk, l-esponenti kemm bhala parti leza u kemm bhala kwerelanti fil-proceduri kriminali kontra Jacqueline Leonard u Nazzareno Busuttil ai termini ta` l-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali, ma kellhiex smigh xieraq. L-Istat ghandu obbligu pozittiv versu l-kwerelanti u parti leza.*

*Illi inoltre, billi ma nghata l-ebda rimedju biex l-izball jigi msewwi, la fil-prim istanza u lanqas fi grad ta` appell, l-Istat naqas li jipprovdi rimedju effettiv. Fil-fatt, l-esponenti interponiet appell miz-zewg sentenzi li bihom id-drittijiet taghha gew miksura, izda l-Qorti ta` l-Appell Kriminali ddikjarat li l-kwerelanti u parti leza ma kellha l-ebda dritt tinterponi appell.*

*Illi peress li dan in-nuqqas jikkostitwixxi vjolazzjoni kemm ta` l-Artikolu 6 kif ukoll ta` l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet) li jiggarantixxu d-dritt ghal smigh xieraq u d-dritt ghal rimedju effettiv rispettivament, l-esponenti ma setghetx taghmel haga ohra ghajr li tadixxi lill-Qorti b`gurisdizzjoni kostituzzjonali.*

*Illi l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea jimponi obbligu fuq l-Istat li jiggarantixxi ("secure") id-drittijiet kontemplati fil-Konvenzjoni lil kull persuna fil-gurisdizzjoni tieghu. Izda, ir-rikorrenti sfat minghajr access ghal rimedju domestiku effettiv.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq ta` l-imsemmija drittijiet fondamentali garantiti mill-Artikolu 6 u mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitalu 319 tal-Ligijiet) u (1) tiddikjara li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti gew vjolati fiz-zewg procedimenti hawn fuq imsemmija, (2) tiddikjara nulli u bla effett id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fis-6 ta` Ottubru 2009, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell moghtija fil-21 ta` Jannar 2011 fl-ismijiet premessi, (3) tordna li l-procedimenti "Pulizija vs. Nazzareno Busuttil" u "Pulizija vs. Jacqueline Leonard" jissoktaw jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u (4) konsegwentement tordna wkoll il-hlas ta` kumpens xieraq lir-rikorrenti.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Ottubru 2011.

Rat illi l-intimat Nazzareno Busuttil, ghalkemm debitament notifikat bl-atti, ma pprezentax risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija prezentata fl-<u>4 ta` Ottubru 2011</u> li taqra hekk –

*Illi l-Avukat Generali ta ruhu notifikat bir-rikors promotur fis-seduta ta` l-4 ta` Ottubru 2011 ai termini ta` l-Artikolu 181(B)(3) tal-Kap.12 u ghalhekk qed jipprezenta din ir-risposta in ottemperanza mal-verbal ta` din l-Onorabbli Qorti ta` l-istess seduta ta` l-4 ta` Ottubru 2011.*

*Illi in linea preliminari wkoll, it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur ghandhom jigu michuda stante li r-rikorrenti ghazlet li ma tuzufruwixxix ruhha mar-rimedju ordinarju u issa li s-sentenza hija res judicata ma tistax twahhal fil-Pulizija Ezekuttiva. Fil-fatt l-Artikolu 414(1) tal-Kap.9 jistipula li, meta tinghata sentenza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, apparti l-Pulizija Ezekuttiva l-"... parti offiza notifikata bl-avviz tal-ewwel smigh jew imdahhla fil-proceduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza...", tista` taghmel talba sabiex l-atti tal-process jigu trasmessi lill-Avukat Generali sabiex l-istess Avukat Generali jkun jista` jivverifika jekk fic-cirkostanzi tal-kaz hemmx lok ta` appell o meno. Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tkompli tiehu konjizzjoni ta` dan ir-rikors.*

*Illi fic-cirkostanzi li qed tispjega r-rikorrenti, jekk verifikati, setghu wasslu lill-Avukat Generali sabiex jintavola appell quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali sabiex fl-eventwalita` li l-allegat zball jigi effettivament riskontrat, seta` jigi ntavolat appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. A kuntrarju, ir-rikorrenti wara li ghazlet li ma tottemperax ruhha mar-rimedju provdut fil-ligi, permezz tar-rikors promotur in risposta qieghda tattakka lill-esponent minhabba l-allegat nuqqas li effettivament huwa wkoll nuqqas taghha, in kwantu r-rimedju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 414(1) tal-Kap.9 sabiex jintalab li l-atti jigu trasmessi lill-Avukat Generali huwa rimedju li kien jappartjeni lilha wkoll. Minflok li r-rikorrenti ghazlet li tintavola appell quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali fejn huwa car li ghal parti offiza dan ma kienx permissibbli skond il-ligi, imissha ottemperat ruhha ma` l-imsemmi Artikolu 414(1) tal-Kap. 9.*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent intimat jopponi t-talbiet kif avvanzati fir-rikors promotur u jirrileva li c-cirkostanzi dedotti fl-istess rikors ma jipprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi l-pretensjonijiet taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti motivi :*

*Illi jirrizulta car mill-atti tal-process kriminali li ma hemm l-ebda ksur a tenur ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew ta` l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-Avukat Difensur taghha, ghal xi raguni, la oggezzjonaw ghall-korrezzjoni mitluba fid-data ta` l-incident quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali u wisq anqas ma attiraw l-attenzjoni ta` l-Ispettur Prosekutur (li issa kien inkarigat mill-kaz) sabiex ikun jista` jappella fit-terminu stipulat mil-ligi. A kuntrarju, ir-rikorrenti u/jew l-Avukat Difensur taghha ghazlu li jibqghu siekta u sussegwentement ghazlu li jintavolaw appell li gie michud stante li fic-cirkostanzi ta` parte civile, kif del resto jirrizulta mill-Kap.9 ma kellhomx dritt ghall-appell. Illi ghalhekk l-argument tar-rikorrenti li "r-rikorrenti sfat minghajr access ghal rimedju domestiku effettiv" u li per konsegwenza qed tallega nuqqas ta` smigh xieraq certament ma sehhx htija ta` l-intimat u ma jregix.*

*Illi fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti fejn qeghda titlob rimedju effettiv fic-cirkostanzi, inkluz izda mhux biss dikjarazzjoni ta` nullita` ta` l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta` Ottubru 2009, kif ukoll tas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell moghtija fil-21 ta` Jannar 2011 u kumpens pekunjarju, l-intimat jopponi bil-qawwa dawn it-talbiet minhabba l-fatt li tali decizjoni taqa` esklussivament fil-kompetenza tal-Qrati ta` Gurisdizzjoni Kriminali unikament ghar-ragunijiet hemm stipulati.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors tar-rikorrenti; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

Rat ir-risposta tal-intimata Jacqueline Leonard prezentata fl-<u>24 ta` Jannar 2012</u> li taqra hekk –

*1. ILLI ghandu jinghad umilment fl-ewwel lok illi r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju u dana preliminarjament ghaliex hadd ma jista` jillanja illi gew lezi d-drittijiet fondamentali tieghu meta s-sitwazzjoni li jkun jinsab fiha jkun rizultat dirett ta` xi nuqqas lilu imputabbli ;*

*2. ILLI r-rikorrenti qieghda fil-pozizzjoni illi prattikament ma tista` taghmel xejn ghaliex tul il-kors tal-proceduri kollha li minhabba fihom qed tillanja gew lezi d-drittijiet fondamentali taghha, hija naqset serjament mill-minimu minnha spettanti sabiex tikkawtela kull dritt moghti lilha bhala parti leza ;*

*3. ILLI l-ewwel nuqqas serju u gravi huwa l-fatt illi r-rikorrenti naqset bhala persuna li kellha interess dirett fil-proceduri tidher ghal tali proceduri u di piu`, tirregistra l-prezenza taghha fil-proceduri, dana kif provdut f`artikolu 410.5 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*4. ILLI t-tieni nuqqas serju huwa illi, fl-ewwel lok ghandu jinghad, illi ghalkemm ir-rikorrenti tallega li l-kawza giet differita diversi drabi dan assolutament ma huwiex minnu. Dana peress illi l-kawza nstemghet fi tliet (3) seduti fejn f`seduta minnhom kienet ir-rikorrenti stess kif patrocinata illi talbet differiment. (Kopja tal-verbali tal-kawza esebiti mal-prezenti Dok 1 – 3). Illi*

*ghandu jinghad li ghalkemm ir-rikorrenti dehret ghas-seduta tas-sittax (16) ta` Gunju elfejn u disgha (2009) u sahansitra wkoll talbet differiment u sussegwentement isegwi illi kienet ben konsapevoli tad-data tad-differiment tas-seduta fejn tillanja li l-ufficjal prosekutur "fuq istigazzjoni tad-difiza talab korrezzjoni fid-data" (ara rikors promotur), l-istess rikorrenti naqset li tidher u tkun prezenti hi jew il-legali taghha ghal dik is-seduta, u di piu, a tempo vergine naqset illi tirregistra in atti l-oppozizzjoni taghha ghat-talba fil-bdil tad-data ta` l-imputazzjoni ;*

*5. ILLI finalment l-ahhar nuqqas gravi illi kien jispetta lir-rikorrenti illi anke jekk ghas-sahha ta` l-argument kienet affetta minn xi fattur serju u gravi li mpediha milli tattendi ghas-seduta fejn il-kawza mertu ta` dawn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) giet deciza kellha rimedju iehor, kif kontemplat f`artikolu 414.1 tal-Kap.9 tal-ligijiet ta` Malta, sabiex tadixxi lill-istess Qorti li erogat is-sentenza fi zmien erbat (4) ijiem ta` xoghol, sabiex tibghat l-atti lill-Avukat Generali fil-perjodu kontemplat sabiex jigi determinat jekk hemmx lok ta` appell.*

*6. ILLI jirrizulta illi xejn minn dan ma sar. Anzi li jirrizulta huwa illi mit-tlett (3) darbiet li l-kawza nstemghet il-kawza fejn ir-rikorrenti kienet il-parti offiza dehret biss darba wahda biss u talbet differiment sabiex tirregola ruhha.*

*7. ILLI ghalhekk qed jigi umilment sottomess illi l-azzjoni odjerna hija mproponibbli ghaliex assolutament ma huwiex il-kaz fejn ir-rikorrenti ma kellhiex smigh xieraq jew kif minnha allegat fir-rikors promotur l-Istat naqas mill-obbligu pozittiv fil-konfront taghha, imma sabiex jintuza l-istess dicitura minnha adoperat l-Istat jew ahjar il-legislatur ghazel li jaghti lir-rikorrenti kull opportunita` sabiex tassigura illi proceduri penali inizjati in parti fuq kwerela taghha jitmexxew taht l-iskrutinju taghha izda dan nonostante u ghal ebda raguni valida naqset illi tuzufruixxi ruhha minn tali opportunitajiet.*

*8. ILLI finalment u fil-mertu l-insostenibbilita` tar-rikors promotur stante illi r-rikorrenti ma ezawrixxiex ir-rimedji ordinarji lilha spettanti, qabel ma giet esperita l-istanza odjerna u dana stante li ma giet intavolata nota a tenur ta` l-artikolu 414 tal-Kap. 9 kif fuq inghad u l-Avukat Generali wara li gew lilu trasmessi l-atti processwali ghazel li ma jintavolax appell. Kien ikun biss f`dak l-ipotesi li r-rikorrenti setghet tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex dato non concesso tillanja xi dritt fontamentali taghha gie lez u dan biss wara li tkun assigurat ruhha illi tkun prezenti f`kull smigh tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti flimkien mar-risposta ta` Jacqueline Leonard.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Frar 2012 fejn *inter alia* din il-Qorti tat direzzjoni lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn ordnat li jigi allegat il-process tal-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Carlos Cardina) vs Jacqueline Leonard*" (356/09) li kien deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta` Jannar 2011.

Rat l-atti tal-process allegat.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tat-12 ta` Marzu 2012 fejn ipprovdiet illi kellha tigi trattata u deciza mhux biss l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija izda anke t-tmien eccezzjoni tal-intimata Jacqueline Leonard.

Semghet id-deposizzjoni tal-Ispettur Carlos Cordina u ta` Margaret Bongailas fl-udjenza tat-12 ta` Marzu 2012 u rat id-dokumenti li kienu esebiti f`dik l-udjenza.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2012.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2012 fejn halliet il-kawza biex taghti sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u dwar it-tmien eccezzjoni tal-intimata Jacqueline Leonard.

**Rat is-sentenza li tat fil-15 ta` April 2013 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni ta` l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u t-tmien eccezzjoni tal-intimata Jacqueline Leonard, u ordnat il-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fil-mertu, bl-ispejjez relattivi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti u ta` Margaret Bongailas fis-seduta tat-8 ta` Ottubru 2013.

Semghet ix-xiehda ta` WPC 216 Charmaine Fenech u tal-Ispettur Carlos Cordina fis-seduta tal-14 ta` Novembru 2013.

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Joseph Joseph Giglio fis-seduta tal-15 ta` Mejju 2014.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta` Novembru 2014.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Sintesi tal-provi

**a) <u>Il-provi QABEL is-sentenza tal-15 ta` April 2013</u>**

L-ewwel xhud kien l-**<u>Ispettur Carlos Cordina</u>** li pprezenta l-zewg okkorrenzi relattivi ghal zewg incidenti li kienu rappurtati fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq (Dok CC1 u CC2) : l-ewwel incident gara fil-21 ta` Awissu 2008 waqt illi t-tieni incident sehh fit-23 ta` Awissu 2008. Ipprezenta wkoll zewg komparixxi (Dok CC3 u CC4) : wahda kontra Nazzareno Busuttil u ohra kontra Jacqueline Leonard. Kull komparixxi turi d-data tal-akkadut bhala t-23 ta` Awissu 2008. Pero` in-numru *23* huwa mhassar u minflok sar in-numru *21*. Ma` kull komparixxi hemm affidavit ta` PS2 Martin Bugeja (illum mejjet). Kompla jixhed illi l-akkuzi ma hargux wara kwerela izda wara rapport li sar mir-rikorrenti fl-Ghassa taz-Zurrieq. Kien biss wara li s-surgent kien diga` hareg ic-charges illi r-rikorrenti hadet lix-xhud il-kwerela ffirmata mill-Av. Marion Camilleri.

**<u>Margaret Bongailas</u>** tigi oht ir-rikorrenti. Xehdet illi fis-6 ta` Ottubru 2009 kienet mharrka bhala xhud fl-Awla 8 fiz-zewg kawzi tad-Distrett taz-Zurrieq li kienu saru kontra l-intimati Busuttil u Leonard. Hin minnhom dawn l-intimati ssejhu fl-Awla. Hi u r-rikorrenti ma ssejhux. Hi baqghet barra izda r-rikorrenti dahlet gewwa. L-avukat tar-rikorrenti Dr Tonio Azzopardi ma kienx prezenti. Baqghet barra biex tipprova taghmel kuntatt ma` Dr Azzopardi izda ma rnexxielhiex ghax kellu l-mobile mitfi. Hin minnhom Busuttil u Leonard hargu mill-Awla jidhqu. X`kien gara gewwa ma setghetx tghid ghaliex lanqas ir-rikorrenti ma gharfet tispjega x`sehh ghalkemm kienet gewwa.

**<u>Ir-rikorrenti</u>** xehdet illi dakinhar tas-6 ta` Ottubru 2009 kif issejhu Busuttil u Leonard fl-Awla 8 hi dahlet warajhom u ohtha Margaret Bongailas baqghet barra biex tipprova taqbad bil-mobile ma` Dr. Tonio Azzopardi. Sar diskors quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli bejn l-Ispettur Carlos Cordina u l-Av. Giglio ghall-akkuzati fis-sens illi d-data tat-23 ta` Awissu 2008 kienet hazina. Ghalkemm hi kienet ecitata, ma tkellmet xejn. Lilha ma kellimha hadd. In segwitu, l-akkuzati hargu barra. Ftit tal-hin wara, harget barra hi wkoll

tistenna lill-avukat taghha. Kif wasal, fissritlu dak li fil-fehma taghha kien gara fl-Awla. Wara saret taf li Busuttil u Leonard kienu gew liberati.

Kienu esebiti bhala prova ghall-fini ta` din il-kawza l-atti tal-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard**" li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta` Jannar 2011.

Mill-inkartament, jirrizulta illi Leonard kellha tidher quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli fil-15 ta` Dicembru 2008 akkuzata dwar kaz illi kien gara fit-23 ta` Awissu 2008. Ma jidhirx illi sar smigh ta` provi fl-ewwel udjenza. U lanqas fiz-zewg udjenzi ta` wara : fil-kaz tal-udjenza tas-17 ta` Marzu 2009 wara talba tad-difiza, u fil-kaz tal-udjenza tas-16 ta` Gunju 2009, wara talba mill-parti civili u cioe` tar-rikorrenti. Mill-verbal tal-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2009, dik mertu ta` l-procediment tal-lum, jirrizulta illi l-Ispettur Carlos Cordina talab korrezzjoni fl-akkuza fis-sens illi fejn kien hemm indikat in-numru *23* fid-data 23 ta` Awissu 2008 dak kellu jigi kancellat u jigi sostitwit bin-numru *21*. Il-Qorti laqghet it-talba. L-imputata tat ruhha b`notifikata bic-citazzjoni kif korretta u eccepiet il-preskrizzjoni skond l-Art 688(f) tal-Kap 9. Il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u fl-istess udjenza tas-6 ta` Ottubru 2009 illiberat lill-imputata mill-akkuzi migjuba kontra taghha. Fid-9 ta` Ottubru 2009, ir-rikorrenti bhala parti leza skond l-Art 413 tal-Kap 9 ipprezentat rikors tal-appell mis-sentenza tas-6 ta` Ottubru 2009 fejn talbet ir-revoka tas-sentenza, dikjarazzjoni li l-azzjoni ma kenitx estinta u r-rinviju tal-atti lill-Qorti tal-Magistrati biex jitkompla l-procediment. Fl-udjenza tal-11 ta` Gunju 2010, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, id-difensur tal-akkuzata eccepixxa n-nullita` tar-rikors tal-appell peress illi l-parti civili ma kellhiex locus standi f`dawk il-proceduri u d-dritt ta` appell inghata biss lill-imputat jew l-Avukat Generali. Min-naha tieghu, id-difensur ta` r-rikorrenti sostna li l-azzjoni saret wara ittra tas-27 ta` Awissu 2008 lill-Ispettur Carlos Cordina, u l-appell sar skond l-Art 413(1)(b)(iv)(ii) tal-Kap 9. B`sentenza moghti fil-21 ta` Jannar 2011, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat l-appell irritu u null, u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**b) <u>Il-provi WARA s-sentenza tal-15 ta` April 2013</u>**

**<u>Ir-rikorrenti</u>** xehdet illi wara li kienet deciza l-kawza fis-6 ta` Ottubru 2009, l-avukat taghha mar jivverifika u sab li l-intimati kienu gew liberati minhabba l-kwistjoni tad-data.

Dwar l-incident tal-21 ta` Awissu 2008, ir-rikorrenti xehdet illi dakinhar harget ghaliha Jane Busuttil minn karozza. Busuttil ghafsitilha ghonqha tant li bdiet thossha qeghda tifga. Talbitha biex terhilha, Busuttil waqfet, izda mbaghad bdiet issawwatha u ssabbatha ma` l-art ; kaxkritha wkoll ma` l-art. Meta r-rikorrenti harset fil-genb, rat li kien hemm zewgt irgiel bilqeghda fejn hofra fonda  zewg sulari u nofs.

Xehdet illi marret taghmel rapport fl-Ghassa taz-Zurrieq u marret il-Health Centre. Is-surgent li ha r-rapport kien P.S. 2, illum mejjet.

Ir-rikorrenti kompliet tghid illi fit-23 ta` Awissu 2008, hija harget biex bhas-soltu taghlef il-kelba.  Ohtha baqghet fil-karozza tistenniha. Dan kien xi d-9.15 p.m. u kien dalam.  Malli fethet il-bieba tal-karozza, dahal sa nofsu Nazzareno Busuttil, li jigi r-ragel ta` Jane Busuttel, intefa` ghal fuq ohtha, beda jghajat kemm jiflah, u jghid li kien ser igib senter u jispicca l-habs. Busuttil ghajjat li ma ridhomx jigu aktar `l hemm waqt li baqa` jzommilha l-bieba tal-karozza tan-naha tal-passiggier. Beda jghajjat biex Jane tigi fuq il-post.  Din giet u bdiet tghajjarhom ukoll.  Hi u ohtha baqghu sejrin l-Ghassa taz-Zurrieq fejn sabu lil P.S. 850.  Is-surgent ma kiteb xejn.  Qalilhom li jekk jerga` jinqala` xi haga ohra, kellhom imorru l-Ghassa ta` Hal-Safi.

Ir-rikorrenti stqarret li mbaghad marret ghand l-Av. Dr Marion Camilleri sabiex taghmel kwerela. Tfisser li meta sehh l-ewwel incident, hija kienet marret ghand l-avukat izda peress li din kienet ghadha ma baghtitx il-kwerela, hija ziedet id-dettalji tat-tieni incident fil-kwerela.

Kompliet tghid illi hija hadet il-kwerela l-Ghassa taz-Zurrieq lil P.S. 2. Dan qalilha biex thalli kollox f`idu. Xi ftit taz-zmien wara, irceviet akkuza u affidavit ta` P.S. 850 ; ma kien minnu dak li kienet akkuzata bih. Tat l-akkuza u l-affidavit lil Dr Tonio Azzopardi. Qabel inkarikat lil Dr Azzopardi bhala l-legali taghha, hija kienet insistiet ma` Dr Marion Camilleri sabiex tkellem lill-Ispettur halli jara x`kien qed jigri izda ma kien instab xejn. Fl-ahhar irnexxielha tkellem lill-Ispettur Carlos Cordina. L-akkuza li rceviet kienet tirrigwarda l-incident tal-21 ta Awissu 2008. Hija tat struzzjonijiet lil Dr Tonior Azzopardi sabiex jibghat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija fit-30 ta` Jannar 2009.

**Margaret Bongailas** xehdet illi meta sehh l-ewwel incident, hija kienet ghand ommha u rat lil ohtha r-rikorrenti diehla mimlija trab u xagharha mqanfed. Ir-rikorrenti qaltilha li qalghet xebgha. Meta gara dan l-incident, hija ma kenitx prezenti. Marret flimkien mar-rikorrenti l-Ghassa biex tkellem lis-surgent dwar dan l-incident u dan qalilha li jekk ma thallix karti u affarijiet mahmugin fl-art, ir-rikorrenti ma kienet qeghda taghmel xejn hazin billi tmur taghlef.

Kompliet tixhed illi wara jumejn, inqala` it-tieni incident li ghalih kienet prezenti hija wkoll. Stqarret illi kienet fil-karozza mar-rikorrenti, mar Nazzareno Busuttil li gibed u fetah il-bieba tal-karozza. Talbitu biex jaghlaq il-bieba u jhallihom bil-kwiet, izda dan dahal qisu nofsu fil-karozza ; beda jghid li ahna konna ser ngibuh fil-ghali, tant li fl-ahhar ser igib s-senter u jispicca l-habs. B`xi mod irnexxielhom jaghlqu l-bieba tal-karozza u marru jaghmlu rapport l-Ghassa taz-Zurrieq. Il-pulizija li sabu hemm ma staqsihomx ghad-dettalji taghhom ; u lanqas kiteb xejn dwar dak li rrapportat ir-rikorrenti. Kull ma qalilhom kien li jekk jinqala` xi incident iehor, kellhom jaghmlu rapport l-

Ghassa ta` Hal-Safi. Stqarret li hija marret mar-rikorrenti ghand l-Av. Marion Camilleri ; u anke marret maghha biex tkellem lill-Ispettur.

**WPC Charmaine Fenech** xehdet li kellha maghha l-file tal-Ghassa taz-Zurrieq li fih il-korrispondenza li baghtet l-Av. Marion Camilleri fis-27 ta` Awissu 2008 dwar ir-rikorrenti. Fil-file ma kien hemm l-ebda kwerela tal-Av. Marion Camilleri. Bhala prassi meta tasal kwerela l-ufficcju ta` l-Ghassa din tmur dritt ghand l-Ispettur li mbaghad jibda l-procedura. Jekk kawza fil-bidu tinbeda bi kwerela, din tkun fil-file.

**Spettur Carlos Cordina** pprezenta kopji tal-incident reports dwar il-kwistjoni li dahlu l-Ghassa taz-Zurrieq fil-21 ta` Awissu 2008 u fit-23 ta` Awissu 2008. Ifisser illi huwa holoq *working file* wara li Dr. Tonio Azzopardi kien talab lilu personalment, kif ukoll ghamel *challenge.* Dr. Azzopardi kien talbu sabiex isiru proceduri kriminali godda kontra Jane Busuttil. Stqarr illi ma jafx x`kien sar minnha l-kwerela li kienet ghamlet Marija Zammit. Kull ma jaf huwa li l-kawza nstemghet mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli. Ighid li kull ma kellu fil-file kienet il-komparixxi b`kopja ta` rapport wiehed, u kopja tal-affidavit ta` P.S. 2 Martin Bugeja.

Kompla jixhed illi l-kawza ta` r-rikorrenti ma kenitx inizjata bi kwerela tar-rikorrenti, izda wara rapport tal-istess rikorrenti lil P.S. 2 Bugeja. Xehed illi r-rikorrenti kienet marret tkellmu fl-Ghassa taz-Zurrieq. Dakinhar gabitlu l-kwerela originali li kienet ittra iffirmata mill-Av. Marion Camilleri. Jifhem illi l-kwerela tinsab ghand ir-rikorrenti. Huwa ma hax il-kwerela billi l-proceduri kienu diga` ttiehdu mill-pulzija, u kienu diga` nhargu l-akkuzi, qabel ir-rikorrenti marret tkellmu bil-kwerela f`idejha. Ma jeskludix illi huwa qal lir-rikorrenti li l-proceduri kienu diga` bdew u li ghalhekk huwa ma kellux bzonn tal-kwerela.

Ix-xhud spjega illi huwa jzomm *dummy file* personali tieghu billi mhux l-ewwel darba li ntilef file, apparti li ma kienx ghadu stazzjonat l-Ghassa taz-Zurrieq. Ippreciza li huwa jiftah ghalih file ta` dik ix-xorta kull darba li jkollu kawza quddiem il-Qorti li jkun qed jiehu hsiebha hu. Fil-file jqieghed kull ma jqis importanti ghall-fini tal-procediment fil-qorti. In-numru li huwa ta lil dak il-file huwa 135/09. Qal li fil-15 ta` Settemru 2008 tressqu n-nies il-Qorti u dakinhar infetah dan il-file ukoll. L-ewwel dokument li hemm fil-file huwa r-rapport li ghamel hu bil-punti dwar kif kellu jigi trattat il-kaz. Hemm imnizzel li : *On the 21st 2008 at about 22.00 pm certain Mary Zammit reported at Zurrieq Police Station that she had been physically attacked by a female person namely Jane Busuttil. Complainant stated that argument arose between them as report regular feeds and also takecare of stray dogs at the vicinity. Mary Zammit added that she used force against her consequently causing her injuries of slight nature.* Imbaghad hemm l-ismijiet tat-tobba. Ikompli : *complainant requested court action but first to consult her solicitor.*

Spjega li fil-file tieghu ma ghandu l-ebda referenza ghad-data tat-23 ta` Awissu. Jaf li r-rapport li ghamlet ir-rikorrenti kien dahal ghand P.S. 2, li baghat ghaz-zewg partijiet sabiex jara x`gara ezatt u mbaghad johrog l-akkuzi. Iz-zewg nahat kellhom ikellmu lill-avukat taghhom. Jiftakar li r-rikorrenti kienet marret l-ufficcju tieghu biex tghidlu dwar il-kaz, u pprezentatlu ittra ta` avukat iehor. Is-surgent kien hareg l-akkuzi bhala *slight* ghax hekk kien jirrizulta mic-certifikati medici. Meta nbidel l-avukat, saret talba sabiex issir kumpilazzjoni. Il-kwerela ta` Dr. Camilleri ma zammhiex. Fuqha ma kienx hemm dati. Meta marret tkellmu r-rikorrenti, ma kienx ghadu jaf bil-kaz.

Stqarr li huwa kellu mnizzel li r-rapport kien tal-21 ta` Lulju 2008. Fuq il-qoxra tal-file personali tieghu kien hemm imnizzel id-data ta` 21 ta` Awissu 2008 filwaqt li fil-punti tar-rapport hemm imnizzel 21 ta` Lulju 2008. Huwa spjega li fil-file tieghu hemm ittra ta` Dr Azzopardi tal-11 ta` Novembru fejn kien intalab li jitharrku xi xhieda u anke kwerela tat-3 ta` Gunju 2009 li ffirma Dr Azzopardi. Fil-kwerela li ffirma Dr Azzopardi kien hemm talba sabiex il-Pulizija tibda kumpilazzjoni kontra Jane Busuttil. Waqt is-smigh tal-kawza tad-distrett quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli, Dr Joseph Giglio ghall-akkuzata talab li ssir korrezzjoni fid-data ta` l-akkuza u l-Qorti laqghet it-talba. Kienet eccepita l-preskrizzjoni u l-Qorti kkonferma li l-azzjoni kienet preskritta. Huwa

oggezzjona ghall-korrezzjoni billi d-difiza ma setghet titlob korrezzjoni fid-data tal-akkuza.

**Av. Dr. Joseph Giglio** xehed illi Jacqueline Leonard kellha kawza tad-distrett quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli. Kienet akkuzata b`zewg kontravvenzjonijiet.Mal-komparixxi kien hemm affidavit anness. Kien hemm seduti fis-17 ta` Marzu 2009, 16 ta` Gunju 2009 u 6 ta` Ottubru 2009. Fl-ewwel zewg okkazjonijiet huwa verbalizzat li meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur. Is-seduta tas-16 ta` Gunju 2009 kienet differita wara talba tad-difiza. Hemm verbal iehor fejn il-parte civile talbet differiment sabiex tirregola ruhha. Ma jiftakarx ghalfejn intalbu d-differimenti pero` jista` jkun li sar hekk sabiex il-partijiet interessati jinghataw ic-cans li jaghmlu paci. Il-korrezzjoni fid-data tal-akkuza ntalbet fis-seduta tas-6 ta` Ottubru 2009. It-talba kienet fis-sens li t-*23* jigi sostitwit b`*21*.

Fil-**kontroezami**, Dr Giglio xehed illi l-korrezzjoni ntalbet mill-prosekuzzjoni ghax id difiza ma tistax titlob korrezzjoni. F`dak il-kaz lanqas kien hemm xi hadd kostitwit bhala parte civile u ghalhekk il-prosekutur biss seta` jitlobha. Huwa ma ta l-ebda suggeriment lill-prosekuzzjoni biex jaghmlu korrezzjoni peress li ladarba kif kienet ic-citazzjoni u kif kien l-affidavit kien hemm li l-incident sehh fi granet differenti, huwa ma kellu l-ebda problemi li jitkomplew il-provi. Huwa ma jafx jekk id-data kif korretta kenitx id-data t-tajba meta sehh l-incident. Stqarr li l-affidavit kien ftit konfuz fir-rigward ta` dati. Jista` jkun li ma saru l-ebda *challenges* da parti ta` Zammit u sempliciment ghaliex wara li saret pressjoni, l-akkuza kontra Jane Busuttil inbidlet.

## III. Konsiderazzjonijiet

Ir-rikorrenti tallega li garrbet ksur tal-jeddijiet fondamentali taghha kif protetti bl-Art 6 u bl-Art 13 tal-Konvenzjoni billi :-

a) sfat vittma ta` lezjoni bil-fatt illi meta fil-kawza, fejn hija kienet parte lesa, il-Prosekuzzjoni talbet bidla fid-data ndikata fl-akkuza, skattat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni da parti tal-akkuzati, meta talbu li jkunu notifikati mill-gdid. Il-Prosekuzzjoni la kkonsultatha u lanqas il-Qorti tal-Magistrati ma semghetha ;

b) garrbet lezjoni meta l-Qorti ta` l-Appell Kriminali kkonkludiet li l-appell taghha kien irritu u null ;

c) b`li garrbet spiccat minghajr rimedju effettiv quddiem l-awtoritajiet nazzjonali.

Minn *Pag 81 sa Pag 267* tar-Raba` Edizzjoni (2011) ta` ***A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights*** (Sweet & Maxwell), il-gurista **Karen Reid** tittratta dak li hija ssejjah il-"*problem areas*" tal-"*fair trial guarantees*". Il-Qorti sejra tislet brani minn din il-kitba li fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-mertu tal-kawza tal-lum :-

*Pag 81* :-

*The key principle governing Art 6 is fairness … of the proceedings as a whole …*

*Pag 82* :-

*As to fairness, it is perhaps simpler to say what it does not mean. The Commission frequently stated, and the Court continues to emphasise, that the Convention organs are not courts of appeal from domestic courts and cannot examine complaints that a court has made errors of fact or law or reached the wrong decision or that a person was, for example, wrongly convicted. They will*

*not enter into the merits of decisions. For this reason, complaints concerning miscarriages of justice are unlikely to succeed before them.*

*Pag 83* :-

*From the Convention point of view it is not so much the result that is in question but the process of "hearing" ...*

*Equality of arms between the parties, or "a fair balance" must be achieved. This means that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent ...*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2011 fil-kawza "**J.E.M Investments Ltd v. Avukat Generali et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

*id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

Ighidu Harris, O`Boyle & Warbrick fil-ktieb "***Law of the European Convention on Human Rights***" (Tieni Edizzjoni – 2009 - OUP) illi **in linea ta` principju** *the Court* (u cioe` l-ECHR) *allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate ... A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial*. (sottolinear ta` din il-Qorti) [ara pag 202]. U jkomplu li *in some*

*contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant* (sottolinear ta` din il-Qorti) [ara pag 204]

**Dan premess, u qabel tghaddi ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-mertu ta` l-ilmenti tar-rikorrenti, il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghas-sentenza parzjali li kienet tat fil-15 ta` April 2013 dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u t-tmien eccezzjoni tal-intimat Jacqueline Leonard, trid taghmel car mill-bidu nett illi kwalsiasi konsiderazzjoni li ghamlet ghall-fini ta` dik is-sentenza parzjali trid tkun inkwadrata, u ghandha tkun cirkoskritta specifikament ghall-kwistjoni ta` jekk il-Qorti kellhiex tiddeklina milli tisma` l-kawza fil-mertu abbazi tal-proviso tal-Art 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta. Billi nstemghu l-provi fil-mertu, kwalsiasi konsiderazzjoni li l-Qorti sejra taghmel issa trid titqies fuq il-mertu taghha, fil-kuntest aktar wiesgha tal-ilmenti tar-rikorrenti dwar l-allegat ksur ghall-jeddijiet fondamentali taghha.**

Riferibbilment ghall-ilmenti tar-rikorrenti fil-kaz taht ezami, partikolarment il-procediment kif kien kondott quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, il-Qorti tirrimarka li dakinhar li saret il-korrezzjoni tad-data ma kenitx l-ewwel seduta li attendiet ghaliha r-rikorrenti sabiex issegwi l-kawza li fiha kellha interess. Kienet prezenti ghal seduti precedenti u kienet edotta tal-mod kif kien qieghed jigi kondott il-procediment. Fis-seduta in kwistjoni tal-kawza, ir-rikorrenti tallega li meta ssejhet il-kawza, lilha ma kienux ghajtulha ; cio` nonostante dahlet fl-awla xorta meta rat lill-akkuzati dehlin. Il-Qorti m`ghandhiex prova oggettiva, determinata minn xhud indipendenti, li jikkorrabora dak l-allegazzjoni taghha li ma ssejhitx biex tidhol fl-awla. Cio` nonostante, b`daqshekk ir-rikorrent ma garrbet l-ebda pregudizzju ghaliex xorta wahda dahlet fl-awla biex issegwi x`kien qieghed jigri. Fil-fatt hekk ghamlet ghaliex segwiet dak li kien qed jigri l-awla. Semghet lill-ufficjal prosekutur jitlob il-korrezzjoni tad-data. Eppure fl-ebda mument ma ttentat tavvicina lill-istess ufficjal prosekutur biex tfissirlu l-opposizzjoni taghha, jew tissenjala l-presenza taghha lill-Magistrat sabiex jew tinfurmaha li l-avukat taghha ma kienx prezenti u allura titlob posponiment jew tissenjala jew tirregistra l-opposizzjoni taghha ghall-bdil fid-data. Ghalkemm dahlet fl-awla, ma ghamlet propju xejn biex bil-presenza taghha sabiex tittenta tibdel il-kors li kienet qeghda tiehu l-kawza taghha. Anke jekk l-avukat taghha ma kienx prezenti, ir-rikorrenti baqghet passiva, ghazlet li tibqa` siekta u ma ghamlet

xejn. Dan kien nuqqas determinanti min-naha tar-rikorrenti li r-rikorrenti ma tistax tippretendi li tista` ssewwieh bil-presentata ta` procediment kostituzzjonali bhal dak tal-lum.

Min-naha tar-rikorrenti, sar l-argument li kien jinkombi fuq il-Qorti tal-Magistrati u/jew ta` l-ufficjal prosekutur li jivverifikaw jekk hi – bhala parte civile – kenitx prezenti u x`kienet il-posizzjoni taghha dwar dak li kien qieghed jintalab.

Dan l-argument mhuwiex kondiviz minn din il-Qorti. L-oneru kif prospettat mir-rikorrenti ma jregix.

Ir-rikorrenti kellha d-dmir li tassikura l-partecipazzjoni attiva taghha fil-kawza. Bil-fatt illi qaghdet fl-awla tisma` x`kien qed jigri, ma tissenjala l-presenza taghha lil hadd, u tillimita ruhha li *ex post facto* tghid lill-avukat taghha x`kien gara ma tikkwalifikax bhala partecipazzjoni attiva anke jekk ir-rikorrenti mhijiex persuna legali. Il-mizura jew kejl rilevanti f`sitwazzjoni bhal dik tal-lum mhijiex il-kompetenza legali izda r-ragonevolezza.

Dwar l-imgieba tal-ispettur tal-pulizija koncernat, il-Qorti mhijiex tara obbligu legali da parti tieghu li jaccerta ruhu mill-presenza tar-rikorrenti u li jikseb il-kunsens tar-rikorrenti qabel jitlob il-korrezzjoni. Dan l-obbligu ma jirrizultax aktar u aktar fil-kaz tal-lum meta wiehed iqis li l-procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali ma kienx inizjat bil-*kwerela* izda kien istitwit mill-pulizija *ex officio.* Lanqas ma jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti kienet ammessa bhala *parte civile* fil-kawza skond il-procedura kontemplata mill-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Kellux ragun l-ufficjal prosekutur illi jitlob il-korrezzjoni mhijiex materja ta` kompetenza ta` din il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha tal-lum. *Jekk* fuq l-atti li kellu quddiemu, l-ufficjal prosekutur ha d-decizjoni zbaljata, dak ma jaghtix lir-rikorrenti d-dritt li tippromwovi azzjoni bhal dik tal-lum quddiem qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali. Din hija linja fina ta` demarkazzjoni distintiva bejn procediment ordinarju u procediment kostituzzjonali li ghandha titqies dejjem. *Jekk* ir-rikorrenti *jidhrilha* li l-ufficjal prosekutur naqas fil-konfront taghha, id-dritt ta` azzjoni ma kienx il-procediment tal-lum.

Ir-rikorrenti tilmenta wkoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bhala lesiva ghall-jeddijiet fondamentali taghha fuq riferiti.

Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi ma hemm xejn lesiv ghall-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti l-mod kif iddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Jirrizulta li r-rikorrenti ghazlet li tintavola appell u skartat ghal kollox il-procedura stabbilita fl-Art 414(1) tal-Kap 9. Ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li ghandha l-jedd illi ssewwi nuqqas taghha billi tallega li garrbet ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq u ghal rimedju effettiv. Li kieku r-rikorrenti marret ghall-procedura skond l-Art 414(1) tal-Kap 9 u l-Avukat Generali skarta l-appell *forsi* kien ikollha x`tilmenta - almenu *prima facie* ; fl-istess waqt mhuwiex permess lil din il-Qorti illi tispekula jew thalli l-kamp tal-ipotesi jcajpar il-gudizzju taghha. Lezjoni ta` jedd fondamentali hija materja serja hafna, u ghalhekk qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali trid tkun kawta meta tizen il-fatti, ghandha toqghod fuq provi kemm jista` jkun oggettivi, u taghmel l-accertamenti u l-apprezzament taghha fuq il-fatti ppruvati.

Il-Qorti sejra ticcita mis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta` Jannar 2014 fil-kawza "**Anthony Bezzina vs L-Avukat Generali**" :

*Il-ligi pero` ma tistax tippremja in-non kuranza, in-negligenza, u l-inerzja ta` persuna li avzata b`data ta`smigh ma tiehux dawk il-passi kollha biex tidher quddiem il-Qorti … L-iskop tal-ligi hu li jkun hemm konformita` u kjarezza fir-regoli ta` procedura u li hadd kemm mill-awtoritajiet u kemm minn dawk kolpiti minnhom ma jabbuzawx jew juzaw diskrezzjoni li tista` ssarraf f`ingustizzja li twassal ghal ksur ta` xi dritt fondamentali tal-individwu. F`dan il-kaz l-attitudini leggera tar-rikorrenti fil-mod kif hares l-interessi tieghu ma tistax issib rimedju billi jipprova iwaqqa` l-ligi li del resto fiha nfisha tipproteggih f`dak li jghid l-artikolu 422(1) … F`dan il-kaz partikolari ma kien hemm xejn li jzomm lir-rikorrenti milli juzufruixxi ruhu minn dan it-terminu u n-nuqqas tieghu li jiehu kwalsiasi azzjoni wara d-data notifikata lilu tas-smigh tal-appell hi attribwibbli biss ghall-inerzja inskuzabbli tieghu u mhux ghad-dritt moghti lilu mill-ligi lima gharafx jutilizza.*

Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet hekk :-

*In tema legali din il-Qorti tosserva li din il-Qorti kif ukoll il-Qorti Ewropeja ddentifikat is-segwenti principji relevanti ghall-kaz in dizamina :*

*13.1 Il-principju tal-equality of arms ma jfissirx li parti tista`, l-ewwel tinjora r-regoli ta` procedura, u mbaghad tistieden lill-Qorti li, minkejja dan tmur kontra dawn l-istess regoli. Dan il-principju jfisser li kull parti ghandha tinghata opportunita` indaqs li tressaq il-kawza taghha ; izda dan ma jfissirx li parti tista` tagixxi in oltragg ghar-regola tal-procedura u xorta tippretendi l-indulgenza tal-Qorti biex tressaq il-provi taghha fil-kumdita` taghha. Id-dritt tas-smigh xieraq hu koncess fit-termini tar-regoli tal-ligijiet tal-procedura, u jekk dawn jigu njorati mill-parti, ghal xi nuqqas, imputet sibi. Mhijiex skuza li parti ma uzufruwietx mill-opportunitajiet moghtija lilha ghax l-Avukat taghha kien impenjat f`xoghol iehor [vide PA [SK] Anthony Mintoff v. Avukat Generali, deciza 7 Lulju 2004, u kazistika hemm citata konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta` AMrzu 2005] ;*

*13.2 "The Court reiterates that the principle of equality of arms – which is one of the elements of the broader concept of fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do*

*not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his or her opponent." (see, among other authorities, GB v. France, no.44069/98, ECHR 2001-X) [ECHR C.B v Austria, deciza 4 April 2013, Appl.30465/06 – para.37].*

*13.3 "44. The rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with, in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy (see Miragall Escolono and Others v. Spain, nos. 38366/97...).However, those concerned must expect those rules to be applied [see, Nakov v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia no. 68286/01, 24 October 2002]. It is incumbent on the interested party to display special dilgence in the defence of his interests.3" [see Teuschler v. Germany (dec) no. 47636/99, 4th October 2001, and Sukhorubchenko v. Russia no. 69315/01 paras.41-43, 10 February 2005) [ECHR Muscat v. Malta Appl.24197/20, deciza 17 Lulju 2012].*

*13.4 "59. Bearing in mind that it is incumbent on the interested party to display special diligence in the defence of his interests, and that in the present case the applicant did not follow his case conscientiously or maintain contact with his nominated representatives, the Court concludes that the applicant has at his disposal a potentially effective legal representation which he failed to make use of." [Muscat v. Malta, supra]."*

Il-Qorti Kostituzzjonali ghalqet hekk :-

*Jekk l-appellant jorqod fuq id-drittijiet tieghu, u meta jircievi att gudizzjarju jibqa` passiv sforz ittraskuragni jew non kuranza tieghu, allura imputet sibi, u ma jistax jippretendi li, f`dawn ic-cirkostanzi, jirrikorri b`success ghar-rimedju straordinarju, b`tentattiv li jissana l-mankanzi tieghu, meta hu kien gie jaqa` u jqum, bhal filkaz prezenti, bir-rizultat li naqas milli juzufruwixxi mirrimedju ordinarju mahsub fl-artikolu precitat … Dan il-komportament tar-rikorrent, bl-ebda mod, jew bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni, ma jista` jitqies bhala konformi mal-obbligu tieghu "to display special diligence in the defence of*

*his interests" u certament, b`referenza ghall-bran citat mir-rikorrent u fuq indikat, ma jistax iressaq b`success il-massima tal-impossibilia nemo tenetur.*

**Wara li qieset b`reqqa l-fatti u c-cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-Qorti ma ssibx li fil-kaz tar-rikorrenti kien hemm lezjoni tal-jedd taghha ghal smigh xieraq kif tutelat bil-Konvenzjoni. Lanqas ma hija l-fehma taghha li garrbet lezjoni skond l-Art 13. Wara d-decizjoni tal-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti wiznet il-passi taghha minn hemm 'il quddiem. Ghaliex it-triq volutament maghzula mir-rikorrenti kienet inkonklussiva ma jfissirx li sehh xi ksur tal-Art 13, aktar u aktar fil-kaz tal-lum fejn il-Qorti mhijiex tal-fehma li r-rikorrenti garrbet vjolazzjoni tal-Art 6. Id-dicitura tal-Art 13 huwa car u jibda bil-kliem : *<u>kull min ikollu miksura</u> d-drittijiet u l-liberatjiet tieghu kontemplati f`din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv.* Billi l-Qorti ma sabitx lezjoni tal-Art 6, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka l-Art 13.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati li ma kienux decizi bis-sentenza taghha tal-15 ta` April 2013, qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. L-ispejjez ta` l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u tat-tmien eccezzjoni tal-intimata Jacqueline Leonard jibqghu kif decizi skond is-sentenza taghha tal-15 ta` April 2013. Il-bqija tal-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------